# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fit-8 ta' Ġunju 2013 għall-ħabta tal-03:30 bħala :

(a) "persuna responsabli u f'ismek jinsab l-istabiliment tat-Taboo Bar li jinsab Triq Bormla, paola ksirt il-kundizzjonijiet tal-licenzja tieghek billi zammejt il-hanut tieghek miftuh wara is-01:00hrs b'hekk operajt l-imsemmi hanut minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew awtorita kompetenti;

(b) u aktar talli fl-istess data, hin u lok bhala persuna li f'isemek ghandek l-istabbiliment Taboo wine Bar ippermettejt li tindaqq

muzika amplifikata wara il-hin, u dan bi ksur ta l-istess kundizzjonijiet.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-imputazzjoni f'dan il-każ hija bażata fuq allegat ksur tar-regolament numru 36 tal-A.L. 1 tal-2006 li jippreskrivi l-ħinijiet tax-xogħol għal postijiet kummerċjali nonche r-regolament numru 13 tal-istess avviż legali li jippreskrivi dettalji dwar il-partikolaritajiet tal-liċenzi.

Il-Qorti hija konsapevoli mill-fatt li bejn il-parte civile u l-imputat żviluppat kontroversja li sfoċat f'ammont kbir ta' kwereli u kawżi kontra l-imputat mill-parte civile. Din il-Qorti għalhekk ġabret flimkien dawk il-kawżi kollha li kienu jittrattaw l-istess meritu bejn l-istess partijiet u għażlet li tittrattahom kollha flimkien għall-ekonomija tal-ġudizzju. Inoltre, il-Qorti kienet sa mill-bidu nett, fil-preżenza tal-partijiet debitament assistiti, ordnat sabiex ix-xiehda tal-parte civile, r-

relazzjonijiet tal-Professur Joseph Agius u r-rappreżentant tal-Awtorita ta' Malta dwar it-Turiżmu ikunu meħuda b'xiehda f'dawk il-kawżi kollha li kienu jinvolvu lill-imputat u l-parte civile u li l-Qorti ordnat li għandhom jiġu mismugħa kontestwalment, naturalment safejn tali xiehda kienet applikabbli u dan għall-fini tal-ekonomija tal-ġudizzju u tal-ħin stante n-numru kbir ta' kawżi li kienu ġew intavolati.

Mill-assjem tal-provi miġbura f'dan il-każ, mhux tal-anqas mill-affidavit ta' PS1887 Omar Zammit, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Jirriżulta li l-imputat kien miftuħ għan-negozju wara l-ħin regolamentari filwaqt li agħar minn hekk huwa kien qiegħed idoqq mużika amplifikata wara l-ħinijiet li huwa kien awtorizzat li jagħmel dan. Skont ir-regolament 36 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li jagħmel riferenza għal paragrafu 3 tat-Tielet Skeda), stabbilimenti tal-*catering* (u l-Qorti hija wkoll konvinta mill-liċenza ezibita u konfermata li l-fond ġestit mill-imputat huwa liċenzat bħala stabbiliment tal-*catering*) jista' jinżamm miftuh f'kull ġurnata sas-01:00. Dan ir-regolament għalhekk ma ġiex osservat mill-imputat stante li ġie soddisfaċentement ippruvat li kien għadu miftuh wara s-01:00.

Inoltre jirriżulta wkoll li skont ir-regolamenti 13 tal-Avviż Legali 1 tal-2006 (u l-paragrafu 10 tat-Tieni Skeda li għalih jagħmel riferenza) u r-

regolament 38(2)(c) tal-istess Avviz Legali moqrija flimkien juru li stabbiliment bħal dak tal-imputat ma setgħetx tindaqq mużika amplifikata fih wara l-23:00 u mix-xiehda tar-rappreżentant tal-MTA limputat ma kellux liċenza biex idoqq mużika amplifikata oltre l-23:00.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat ħati fir-rigward tal-imputazzjonijiet kontestati lilu u wara li rat ir-regolamenti 13 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li l-paragrafu 10 tat-Tieni Skeda jagħmel riferenza għalih) nonche r-regolament 36 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li għalih jagħmel riferenza l-paragrafu 3 tat-Tielet Skeda) u r-regolament 38(2)(c) tal-istess Avviz Legali u r-regolament 53 tal-istess Avviż Legali 1 tal-2006, kif ukoll l-Artikoli 18 u 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati għal ammenda ta' ħames mitt euro (€500) u ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tissospendi l-liċenza mogħtija lill-imputat f'dak li għandu x'jaqsam mal-eserċizzju ta' dik l-attivita' kummerċjali żvolta mill-istabbiliment de quo għal perjodu ta' xahar.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

*Aaron M. Bugeja*